



Brussell, 16 ta' Settembru 2021  
(OR. en)

11786/21

**Fajl Interistituzzjonal:**  
**2021/0259(NLE)**

**TRANS 543  
MAR 169  
COWEB 106  
ELARG 57**

**NOTA PUNT "I/A"**

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni (Parti 1)/Kunsill

Nru dok. Cion: 11204/21 + ADD 1

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem I-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-istabbiliti ta' Kumitat Tekniku dwar it-Trasport fuq l-ilma u l-Multimodalità  
- adozzjoni

1. Fid-9 ta' Awwissu 2021, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill.
2. Il-proposta għandha l-għan li tinkiseb pożizzjoni tal-UE fid-dawl tal-intenzjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent li joħloq kumitat tekniku dwar it-trasport fuq l-ilma u l-multimodalità.
3. Dawk il-kumitati jikkonsistu minn rappreżentanti tal-partijiet għat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport, huma ppreseduti minn rappreżentant minn parti reġjonali, u huma miftuħa għall-parċeċipazzjoni ta' osservaturi mill-Istati Membri tal-UE; il-kumitati jagħmlu proposti fl-isfera tar-responsabbiltà tagħhom lill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali. S'issa, inħolqu kumitati separati għat-toroq, il-ferroviji, il-faċilitazzjoni tat-trasport, is-sikurezza fit-toroq u t-trasport ta' ogħetti perikolużi.

4. Matul laqgħa informali tal-membri tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Networks irċieva l-preżentazzjoni tal-Kummissjoni fis-7 ta' Settembru 2021. Il-Kummissjoni spjegat li l-kumitat ser jaħdem, b'mod partikolari, fuq l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar it-trasport fuq l-ilma adottat mill-Kunsill Ministerjali tat-TCT fil-5 ta' Lulju 2021. Id-delegazzjonijiet laqgħu l-proposta. Il-Presidenza kkonkludiet li l-proposta kienet lesta għall-adozzjoni.
5. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentu huwa mistieden
  - japprova l-qbil li ntlaħaq fil-livell tal-grupp ta' ħidma, u
  - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni, kif ieffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokumenti ST 11490/21 u 11514/21<sup>1</sup>, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss.
6. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.

---

<sup>1</sup> Id-dokumenti ser ikunu disponibbli mhux aktar tard mill-21 ta' Settembru, kmieni waranofsinhar.